**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' Gunju, 2001

**Numru 28**

**Avviz. numru 773/00JR**

**Liliana Fabri**

**vs**

**John Agius**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Mejju 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn tmienja u erbghin lira Maltija (Lm248.00), li jirrappresentaw prestazzjoni professjonali resi lill-konvenut rigwardanti, inter alia, xoghol ta' interior decorating.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-lum sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ippresentata fit-3 ta' Awissu 2000 fejn ecepixxa illi:-**

**It-talba attrici ghall-hlas ta' l-ammont ta' Lm248, ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi s-servizzi li gew allegatament rezi mill-istess attrici qatt ma gew mitluba jew altrimenti rikjesti mill-konvenut, u ghaldaqstant ebda hlas ma huwa dovut ghall-istess, kif jista jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Liliana Fabri, John Agius**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza tirrigwarda talba ghal hlas ta' prestazzjonijiet professjonali ta'** ***interior designer*** **allegatament resi lill-konvenut. Il-konvenut da parti tieghu qed ighid li s-servizzi resi ma kienux gew mitluba.**

2. **Jidher li l-punt principali ta' din il-vertenza huwa dwar fl-ewwel lok jekk kienx sar ftehim, u jekk sar x'tip ta' ftehim sar.**

3. **Dwar li sar ftehim dana jirrizulta ampjament mill-provi illi l-konvenut kien inkariga lill-attrici biex taghmel xoghol. Filwaqt li l-konvenut qed ighid li x-xoghol li ried kien biss jirrigwarda stima, l-attrici qieghdha tghid illi hi fil-fatt ghamlet ix-xoghol dwar kif ghandu jigi disinjat il-post.**

4. **Jirrizulta illi l-fond li fuqu kellu jsir ix-xoghol kien fond ta' negozju f'Bay Street. Ghal dan il-ghan jirrizulta illi l-attrici ltaqghet aktar minn darba mal-konvenut, iddiskutiet mieghu, hadet qisien u ritratti, taghtu idea tal-prezz, u l-konvenut kien awtorizza biex tipprocedi. Jirrizulta li l-attrici ghamlet b'kollox sitta u ghoxrin (26) disinn li hadu madwar hamsin (50) siegha xoghol. Biex ghamlet dan ix-xoghol hi kienet ikkonsultat id-"drawings" ta' Bay Street liema disinni kienu nghatawlha mill-istess konvenut, u dana sabiex hi tkun konformi ma' dak rikjest mill-progett. Il-konvenut stess ighid li kien ghadda lill-attrici *software copy* tal-pjanti.**

5. **Il-konvenut jinsisti li dawn il-pjanti taghhomlha biex hi tohrog stima. Jidher illi l-konvenut meta nghatawlu d-disinni taghha, nghatalu wkoll il-kont taghha. Il-konvenut ma qabilx mad-disinni u ma**

**accettahhomx. Hu ma jinnegax li fil-fatt kien sar certu xoghol mill-attrici.**

6. **Jigi rilevat illi sabiex johorgu l-estimi necessarjament dana kien jirrikjedi li l-attrici taghmel id-disinni,ghaliex sabiex tasal ghal stima ta' bilfors irid ikun hemm allaccament ma' wahda mill-proposti presentati.**

7. **Il-konvenut qed ighid illi l-kont sar arbitrarjament, li d-disinni ma ghazilhomx, li ma kienx hemm breakdown ta' l-ispejjez, u li kien riskju tan-negozju ta' l-attrici.**

8. **It-Tribunal innota d-dokumenti A sa C li minnhom jirrizulta ampjament ix-xoghol professjonali u dettaljat li ghamlet l-attrici. It-Tribunal fis-seduta gie muri d-disinni li ppreparat l-istess attrici. Jirrizulta illi fil-fatt ix-xoghol li kien irrikjeda l-konvenut kien sar mill-attrici. Il-fatt illi lill-konvenut ma ghogbuhx id-disinni ma hix raguni valida sabiex tezimih milli jhallas ghall-prestazzjonijiet professjonali resi lilu.**

9. **Ghalhekk jirrizulta illi kien hemm ftehim bejn il-partijiet sabiex l-attrici taghmel disinni biex minnhom tkun tista tohrog stima, u dan x-xoghol l-attrici ghamlitu.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn tmienja u erbghin lira (Lm248) kif fuq inghad.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**